MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1807/2005

**Maltacom p.l.c. – C 22334**

**Vs**

**Paul Ganado – I.D. 397260M**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru 2005, fejn s-socjeta` attrici tablet illi tithallas is-somma ta' sebgha mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm784.69) ghar-ragunijiet indikati u msemmija fl-istess Avviz, bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba.

Ra x-xhieda moghtija mill-konvenut fid-29 ta' Novembru 2005.

Ra l-verbal tad-29 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza thalliet ghall-llum ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda tieghu, il-konvenut jammetti illi ghandu jhallas lil Maltacom Plc s-somma mitluba fl-avviz.

**Konkluzjoni**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara illi ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz x-xhieda u d-dokumenti prodotti, b'ekwita` jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba tas-socjeta` attrici jikkundanna lill-istess konvenut ihallas lis-socjeta` attrici Maltacom Plc is-somma ta' sebgha mija u erbgha u tmenin Liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm784.69), ghar-ragunijiet dedotti fl-Avviz, bl-ispejjes u bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------